**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 13 ta' Jannar, 2025

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**-vs-**

**Mario Camilleri, detentur ta' Karta tal-Identità 758060M**

*Kumpilazzjoni Nru. 210/2021*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Mario Camilleri** u ċioe talli:

1. **Nhar is-7 ta' April 2021 għal ħabta tat-08:00hrs,** ġewwa Triq Marcell Attard Vagnolo, Ħal Qormi u f'dawn il-Gżejjer, ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Lorraine Dimech u Alexander Debono, uffiċjali pubbliċi jew inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku jew li u/jew huma uffiċjali jew impjegati ta' korp kostitwit b'liġi meta r-reat sar minħabba li dawn il-persuni għamlu id-dmirijiet tal-kariga tagħhom bi ksur tal-artikoli 221(1), 222(1) c tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. **U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi :** inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jinfluwixxi jew jbeżżagħhom kontra il-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dan is-servizz, bi ksur tal-Artiklu 95 tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. **U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi :** żamm, ostakola, immolesta jew xort'oħra fixkel, jew ipprova jżomm, jostakola, jimmolesta jew ifixkel, uffiċjal jew impjegat tal-Awtorità, jew xi uffiċjal tal-Pulizija jew uffiċjal tal-armata, jew kull uffiċjal pubbliku , jew uffiċjal jew impjegat ta' xi dipartiment tal-Gvern jew ta' xi aġenzija tal-Gvern jew ta' xi kunsill lokali, fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu taħt il-liġi, jew naqas milli jagħmel dak li raġonevolment jiġi mitlub li jagħmel minn waħda minn dawk il-persuni qabel imsemmija jew b'kull mod ieħor naqas milli jgħinhom fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom, bi ksur tal-artikolu 103 (1) (d) tal-kap 552 tal-liġijiet ta' Malta.

4. **U aktar talli nhar is-7 ta' April 2021 għal ħabta tal-10:00hrs:** ġewwa Triq Marcell Attard Vagnolo, Ħal Qormi u f'dawn il-Gżejjer, inġurja lil-Ispettur Roderick Agius u lis-Surġent 1085 J.Bayliss, persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jinfluwixxi jew ibeżżagħhom kontra il-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dan is-servizz, bi ksur tal-Artiklu 95 tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. **U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi:** għamel użu ħażin u/jew mhux xieraq minn mezz tal-Kommunikazzjoni bi tal-artikolu 49(a) tal-Kap 339.

6. **U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi:** ikkommetta reat volontarju fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' 3 xhur priġunerija sospiżi għal erbgħa snin datata 9 ta' April 2018.

7. Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija titratta lil imputat bħala li sar reċidiv ai terminu tal-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi kienu mogħtija lil u li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fit-13 ta' Mejju, 2024.

## IL-PROVI

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat mill-ewwel juri l-prepotenza tiegħu abbinat ma nuqqas ta' rispett għall-awtoritajiet meta jibda biex jgħid li *"l-uffiċjali tal-MEPA....kont* ***diġà wissejthom****.....jiena lil dawn iż-żewġ uffiċjali tal-Mepa wissejthom biex ma jidħlux bejn il-basla w qoxrita...".*[1] Kien urtat kemm ghal fatt li kien qed jiġi allegat li kellu vjolazzjonijiet kontra l-ligijiet tal-ippjanar kif ukoll li kienu qed jitwaħħlu karti mal-faċċata tar-residenza tiegħu. Innega li ħebb għall-uffiċjali li bdew jieħdu video jew ritratti tiegħu jaqla' dawk il-karti *"iżda qabel ma qlajthom sfurzawni biex ma naqlahomx u imbuttawni".* Jammetti li meta ġie mwissi ma jaqlax karti li twaħħlu mill-uffiċjali ***"ippuntajtilha l-umbrella"*** għax dehrlu li ma kellix dritt toħodlu video. Ma kienx kapaċi jispjega il-ġrieħi li dawn ġarrbu.

Ikompli kif ħass li qed jiġi provokat għax intbagħtu mill-ġara li irraportatu, *"Jien ghidtilhom illi kienu dejquni ghaliex kienu ġew erba' darbiet id-dar tieghi".*[2]

**PS1085 Joseph Bayliss** spjega kif Lorraine Dimech, uffiċjal mal-MEPA li flimkien mal-kollega Alexander Debono kienu qed iwaħħlu *Enforcement Notice* ma faċċata ta' dar, ġew attakkati b'umbrella minn sidha li ħareġ għalihom. Dimech intlaqtet ġa rasha w Debono f'sidru.[3] Ġara tal-imputat qaltlu li kienet semgħet kommozzjoni u ħadet video li għaddietu l-pulizija. Meta mar fuq il-post l-imputat ma kienx qed jirrispondi għat-taħbit fuq il-bieb tiegħu iżda wara li ġie ikkuntattjat bit-telefon ħareġ mill-gallerija *"L-ewwel qalilna, jekk niġi arrestat illum, imutu in-0nies imma imbgħad ikkonvinċejnieh u ħareġ mingħajr inċident".*[4] Is-Surġent Bayliss ikkonferma l-**Current Incident Report** redatt minnu.

**Lorraine Dimech**, *Enforcement and Compliance Officer* mal-MEPA, xehdet kif f'April 2021 kienet akkumpanjata minn kollega biex iservu ta' xiehda għal xulxin meta kellha titwaħħal *Enforcement Notice* li jkollha titwaħħal ħames (5) darbiet mal-faċċata tad-dar in kwistjoni. Kif ġew biex iwaħħluha *"ħareġ is-Sur Camilleri, beda jgħajjat magħna. Bdejna nippruvaw nikkalmawh u ngħidulu biex jiffirmaħielna ħalli ma noqgħodux nwaħħlielu mal-faċċata tad-dar....Dan daħal id-dar ġab umbrella minn dawn il-kbar, niżel biha, l-ewwel beda jagħti l-uffiċjal. Jien mort inwaqqfu u dar u beda jgħatini hawn ġo wiċċi u ġo għajnejja u jgħidli propjament li ried jghamini u baqa jiġri warajha fit-triq".*[5] Kompliet tispjega li *Notice* ***"Ma***

[1] Fol.28
[2] Fol.29
[3] Fol.47
[4] Fol.47 tergo
[5] Fol.53 tergo

***lħaqniex waħħalniha".***[6] Kienu jafu l-imputat għaliex għalkemm marru drabi oħra *"Beda jkeċċina u għaldaqstant kellna noħorġu l-enforcement Notice".* Meta intebaħ li qed iwaħħluha beda jgħidilhom *"Itilqu itilqu, Jgħajjat magħna hekk. Jien mhux ser niffirma xejn u kliem naqra baxx. Imbgħad daħal ġab umbrella.....Lili beda jgħidli li qabel nagħmik, minix ser noqgħod kuntent, ma nkunx kuntent".*[7] Tikkonferma li bdiet tiġbed il-video meta beda jagħtiha bl-umbrella li kien daħal ġewwa biex nieżel għalihom biha. Fuq il-filmat jinstemgħu d-daqqiet li beda jtiha ġo wiċċha. L-unika karta li laħqet waħħlet kienet tal-hekk imsejjħa "on-call" biex dak li jkun jikkuntattja d-Dipartiment. [8] Ikkonfermat iċ-ċertifikat mediku li ngħatlha mill-Policlinic ta' Ħal Qormi.[9]

Riprodotta Dimech ippreżentat kopja tal-*Enforcement Notice* u tal-*pink cards*.[10] Sussegwentement ippreżentat ritratt tad-daqqa li sofriet f'wiċċha[11] kif ukoll il-filmat[12] li ħadet dakinhar tal-akkadut.[13]

**Alexander Debono** kompla jispjega li meta *Enforcement Notice* li tintbagħat bil-posta u fejn tagħha jinżamm *record* permess tal-kartuna roża tal-Maltapost tibqa ma tiġix *claimed*, l-Awtorità twaħħal is-S*ite Plan* u l-*Enforcement Notice* mal-faċċata. Din in-*notice* kienet ser titwaħħal bit-tape peress li l-faċċata kienet fuq il-fil. Meta l-imputat tfaċċa *"**nieżel ħdejna jgħajjat magħna**. Jiena ġiegħlitu, pruvajt nikkalmah bil-kelma t-tajba u dan baqa' tani daqqa tal-umbrella li kellu f'sidri u f'daqqa waħda imbgħad dar lejn il-kollega tiegħi, **jgħajjat magħha, imbgħad xejrilha daqqa t'umbrella ....**".*[14] Debono sema lill-imputat jhedded lil Dimech ***"Li jaqlgħalha għajnejha u ċertu kliem ta' theddid...iktar beda jhedded lilha milli jhedded lili...naqlagħlek għajnejk...".***[15] Ix-xhud semma kif kienu lebsin *tag* tal-Awtorità w għadda biex ikkonferma ċ-ċertifikat mediku li nħariġlu.[16] Itenni kif hu w Dimech ***"Ġejna aggrediti...filli inwaħħlu il-karta, issib lis-Sinjur ma wiċċna jgħajjat magħna, bl-umbrella f'idu****...Dan taha daqqa fuq rasha, għandha raġun tgħajjat ajjut hux...lanqas biss rajtu nieżel lil dan is-Sinjur u sibnieh ma wiċċna".* Il-video inġibed *"Waqt li kien qed jaggredina".* Din ixxejjen t-teżi tal-abbli difiza li l-imputat ħassu provokat wara li ttieħidlu *video* u għalhekk irreaġixxa kif irreaġixxa mentri fil-fatt il-video ittieħed propju għaliex qabad u

---

[6] Fol.54
[7] Fol.54 tergo
[8] Fol.55 tergo
[9] Fol.54 tergo. Ċertifikat mmarkat bħala **Dok.RA4** a fol.22
[10] Fol.66. Vide **Dok.LD1** u **Dok.LD** a fol.70 et seq
[11] Fol.78
[12] Fol.79
[13] Fol.76.
[14] Fol.56 tergo
[15] Fol.57
[16] Fol.58. Vide ċertifikat mmarkat bħala **Dok.RA5** a fol.23

aggredihom. L-azzjoni li setgħet *"ipprovokatu"* kienet azzjoni amministrattiva kontemplata bil-liġijiet li jiggvernaw il-proċeduri tal-MEPA.[17]

L-**Ispettur Roderick Agius** irrakkonta kif kien mar fuq is-sit tal-akkadut u beda jitlob lill-imputat biex joħroġ mir-residenza tiegħu ħalli jiġi mitkellem u investigat. Hu wieġeb billi rrifjuta li jagħmel dan u stieden lill-pulizija jidħlu għalih. Peress li l-imputat kien magħruf mal-pulizija bħala nervuż u potenzjalment vjolenti intalbet l-assistenza tal-RIU. Malli dawn wasslu Camilleri ħareġ mir-residenza tiegħu minn jeddu.[18]

*Il-Footage.*

Il-Qorti rat u mhux anqas semgħet il-kliem aggressiv li intqal mill-imputat hekk kif jidher li hemm alterkazzjoni ma Dimech. Attitudni vjolenti w anti-soċjali li tirrifletti menefregiżmu mill-awtoritajiet w *bullying* per eċċellenza:

***"F' xxxx il-Madonna inqattgħek dalgħodu, X'qed tiġbed hemm x'qed tiġbed...."*** kliem li jissiġillaw il-każ tal-prosekuzzjoni w li jimmanifestaw r-rabja w atteġġjament antagonista tal-imputat biex ma jingħad xejn dwar id-dagħa moqżież tiegħu. Jibqa' jidgħi u jgħajjat ***"Tiehduh f'xxxxx kemm għandkhom"*** anke meta Dimech qeda tgħajjat għall pulizija.

Fuq wara tinstema mara tgħidlu *"ejja l'hawn"*, preżumibbilment martu li fuq il-pedana tax-xiehda issa jemana biċ-ċar li mingħajr skruplu xehdet il-falz biex tipproteġi li bniedem ġellied, vjolenti u midgħi mill-konsegwenzi ta' għemilu. Mara li kif jidher mir-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation hi sottomessa għall-atteġġjament bil-wisq ikrah salvaġġ ta' żewġha![19]

Kuntrarjament għal dak li jisħaq l-imputat fit-trattazzjoni orali mismugħa, il-filmat hu tassew prova reġina tal-aggressività w antagoniżmu tal-imputat hu w jintimida w jaħbat ghal Dimech!

L-Ewwel Imputazzjoni

Fuq dawn ir-riżultanzi proċesswali l-Qorti ma għandhomx dubbju li l-prosekuzzjoni ippruvat l-ewwel imputazzjoni w cioe li l-imputat wettaq ġrieħi fuq żewġt uffiċjali pubbliċi.

Fortunatament dawn il-ġrieħi kienu ta' natura ħafifa.

[17] Fol.60
[18] Fol.81-82
[19] Vide fol.86-86 tergo

Dimech minbarra li esebiet ritratt li juru marki fuq moħħha esebiet ukoll video li fih jinqabad l-imputat jhedded u jħebb għaliha. Il-Qorti li kellha l-opportunita tisma x-xhud jixhed quddiemha f'żewġ okkażjonijiet (l-ewwel darba meta d-depożizzjoni tiegħu ma ġietx reġistrata minħabba problemi tekniċi) m'għandhiex dubbju li dak il-kliem moqżież intqal minnu!

Dimech ikkonfermat kif Camilleri beda jsawwatha ***"ġo wiċċi u ġo għajnejja....Reġa' ġie jattakkani"***[20]

Mill-banda l-oħra Alexander Debono jixhed kif l-imputat *"tani daqqa tal-umbrella ...fuq sidri".*

Għalhekk il-Qorti qed tqis li ġiet pruvata sal-grad mistenni l-imputazzjoni kontemplata bl-artikolu 221 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-provi jiżmentixxu t-teżi difensjonali tal-imputat li hu "**laqat"** lill-uffiċjali bl-umbrella. Jingħad kif ma kienx hemm raġuni għaliex fl-ewwel lok kellu joħroġ bl-umbrella għaliex kif juri il-filmat kienet <u>ġurnata xemxija</u> sew!

Daqstant iehor joħroġ ta' inveritjier l-imputat meta jgħid li ġie provokat mill-uffiċjal għaliex bdiet tiffilmjaħ meta l-provi juru li beda jiġi *filmed* minħabba l-aggressività tiegħu li altru hi konfermata mill-filmat stess.[21]

Lanqas ma treġġi t-teżi difensjonali vantata wkoll fil-kors tat-trattazzjoni orali li dan id-diżgwid bħal xejn ma kienx riżultat tal-fatt li l-uffiċjali tal-MEPA ma qablux dwar kif persuna tiġi notifikata b' *Enforcement Notice*![22]

Issa l-artikolu 222(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi għal żieda fil-piena meta r-reat ta' ġrieħi volontarji ikun twettaq fuq:

> (c). fuq il-persuna ta' min kien uffiċjal pubbliku jew kien inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku jew li hu jew kien uffiċjal jew impjegat ta' korp kostitwit b'liġi meta r-reat ikun sar minħabba li dik il-persuna kienet għamlet id-dmirijiet tal-kariga tagħha;

L-artikolu 92 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> **92.**Taħt il-frażi ġenerali "uffiċjal pubbliku" jidħlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, iżda wkoll dawk il-persuni kollha li huma maħtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra.

---

[20] Fol.53 tergo.
[21] **Dok.LD2** a fol.79
[22] Fol.3 tas-sottomissjonijiet finali: *"Lanqas jaqblu bejniethom ta' x'suppost isir".*

M'hemmx dubbju li uffiċjali tal-MEPA u senjatament *Enforcement Officers* bħal ma kienu Dimech u Debono huma inkarigati bl-amministrazzjoni ta' setgħa eżekuttiva kif ukoll minn dmir pubbliku amministrattiv.

L-artikolu 2 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

> "uffiċjal pubbliku" għandha t-tifsir mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni[23]

Fl-artikolu 10 tal-Att tinstab is-segwenti dispożizzjoni:

> (2) L-Awtorità u kull wieħed mid-Direttorati tagħha jistgħu jeżerċitaw xi wieħed jew aktar mill-funzjonijiet jew ir-responsabbiltajiet tagħhom sew direttament jew permezz ta' xi wieħed mill-uffiċjali jew impjegati tagħhom li jkunu awtorizzati għal dan l-iskop

Imbghad l-artikolu 30 tal-Att ma jħalli ebda dubbju dwar jekk uffiċjali tal-Awtorità għadhomx jitqiesu bħala uffiċjali pubbliċi:

> **30.**(1) Għall-għanijiet tal-Kodiċi Kriminali u ta' kull dispożizzjoni ta' natura penali f'kull liġi oħra, il-membri tal-Awtorità, jiġifieri l-Kunsill Eżekuttiv, il-Bord tal-Ippjanar u kull kumitat, bord, kummissjoni, jew korp ieħor jew uffiċċju mwaqqaf b'dan l-Att, u kull uffiċjal u impjegat tagħhom, għandu jitqies li hu u jiġi trattat bħallikieku kien uffiċjal pubbliku.

Għaldaqstant l-ewwel imputazzjoni ġiet pruvata sal-grad mistenni mill-prosekuzzjoni inkluż bl-aggravju li l-Dimech u Debono kienu uffiċjali pubbliċi għall-finijiet kollha tal-Liġi.

<u>It-Tielet Imputazzjoni</u>

Din l-imputazzjoni wkoll ġiet soddisfaċentement ippruvata. Il-konsiderazzjonijiet magħmulha aktar il-fuq dwar il-kariga ta' Dimech u Debono, u ċioe bħala uffiċjal tal-Awtorità, isibu applikazzjoni in kwantu ghal dan ir-reat.

Dimech u Debono jixhdu kif l-imputat mhux talli ma bediex isegwi l-ordnijiet tagħhom biex jippermettilhom jagħmlu dak mistenni minnhom bil-liġi regolatorja tal-ippjanar, iżda sahansitra mhux talli ma għenhomx iżda kiesaħ u biered qabad jattakka uffiċjali fil-qadi ta' dmirijiethom.

---

[23] Tinsab l-istess definizzjoni taħt l-**Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp,** Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta.

It-Tieni w r-Raba Imputazzjoni

Dawn ir-reati kontemplati bl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali ma ġewx pruvati. Ma irriżultaw l-ebda kliem offensiv, ta' theddid jew inġurjuż mill-imputat Camilleri fil-konfront tal-uffiċjali tal-pulizija.

Il-Ħames Imputazzjoni

Wisq anqas ma jirrizulta li l-imputat għamel xi użu ħażin minn xi mezz ta' telekomunikazzjoni kif kontemplat bil-ħames (5) imputazzjoni.

Is-Sitt imputazzjoni w l-Addebitu tar-Reċidiva

Il-prosekuzzjoni baqgħet ma ppreżentat l-ebda sentenza sabiex isostni dawn l-imputazzjonijiet u għaldaqstant l-imputat ma jistax jinstab ħati dwarhom.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fedina penali voluminuża w mżewwqa tal-imputat, tal-fatt li kienu tnejn l-uffiċjali li issawtu mill-imputat u dan għax biss kienu qed iwettqu dmirijiethom.

Il-Qrati tagħna tennew li fejn hemm każ ta' vjolenza il-piena għandha dejjem tkun waħda ta' priġunerija effettiva. Ma jistax ikun li persuni li joħorġu minn djarhom biex jaqilgħu l-għixien tagħhom isibu ruħhom attakkati minn persuni li ċertament posthom mhux fis-soċjetà.

Fil-konsiderazzjoniet ulterjuri tagħha dwar il-piena, ġie mfakkar il-kliem erudit u meqjus ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-proċediment **Il-Pulizija vs Francis Mamo**: [24]

> Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil

[24] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, per Onor. Maġistrat Dr. Doreen Clarke, Deċiża 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008

kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.

Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[25]

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ……

Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[26]

Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; …..

Snin qabel, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Josef Camilleri** qalet:[27]

Illi umbaghad, kif anki gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (diversament preseduta) fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi"** [30.7.2004] : -

*"… bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b' effett immedjat . Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika* " (sottoliear ta' din il-Qorti)

u zgur li f' dan il-kaz l-appellant wera grad gholi ta' prepotenza w arroganza fl-incident de quo li ma jistax jigi kondonat mill-Qrati.

Lanqas ma jista' ma jitteħidx kont tal-kliem erudit tal-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha fil-ġuri **Ir-Repubbblika ta' Malta vs Victor Pace:**[28]

---

[25] **Ir-Repubbblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Deċiża 28.11.2006.

[26] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Deċiża 22.09.2009.

[27] Per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono; Deċiża 15 ta' Novembru, 2007; Appell Kriminali Numru. 268/2007

[28] Onor. Imħallef Dr. Joseph Galea Debono; Seduta tal-25 ta' Jannar, 2006, Att t' Akkuża Nru. 27/2003

> Dan it-tip ta' agir li, fortunatament f'dan il-kaz, ma kellux konsegwenzi aktar tragici, ma jista' jigi qatt kondonat mill-Qrati li ripetutament irritenew li "l-vjolenza ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, aktar u aktar fejn jintuzaw armi" w li "mhuwiex inoltre tollerabbli li f'socjeta' civili persuna ggorr arma fuqha kontra l-ligi – hi x'inhi r-raguni." (Ap. Krim. Ir-Repubblika ta' Malta vs. Noel Mizzi [15-12-2005] u ohrajn). Ghalhekk l-insenjament tal-oghla Qorti fil-kamp penali huwa li f'dawn il-kazijiet m'ghandix tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza imma wahda effettiva w immedjata.

Finalment issir riferenza għat-tagħlim erudit tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-proċediment **Il-Pulizija vs Maurice Agius** fejn anke ġie kwotat **Lord Justice Lawton**, dwar dak li għandu jiggwida Qorti meta tiġi biex teroga il-piena:[29]

> Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt) ,…… Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant** [(1974) 60 Cr.App. R. 74.]:
>
> **"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand, they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."**

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, rat l-artikoli 17, 31, 214, 215, 221(1), 222(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 103(1)(d) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni, tilliberah mill-kumplament u tikkundannah għal **disa' (9) xhur priġunerija** u multa ta' <u>tlett elef (€3,000) Ewro</u>.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur.(Int. Law).**
**Maġistrat**

---

[29] Per S.T.O. Il-Prim Imħallef Dr. Vincent Degaetano LL.D.; Deċiża 13 ta' Novembru, 2009, Appell Nru.328/09